# ISSA LI.....

*Ta'* K. VASSALLO

*(Miktuba f'soddti)*

Issa li nbarmet f'wied is-snin żgħuriti,
u b'toqol ġismi nħoss imgħaffġa l-qalb;
issa li tgħajbet bi dlam moħħi. ruħi,
u ljieli nqatta' ma niflaħx fit-talb;

Issa li l-Lejl, flok ma jħanninni f'nagħsa
ta' ħolm il-ġmiel u s-seħer tat-Tfulija,
sikwit jaħfinni bejn dirgħajh u jġorrni
b'nifsi maqtugħ lejn ħondoq l-Irġulija;

Issa li l-friefet imżewqin, l-agħsafar
hienja ta' l-ajru, ix-xtieli, il-ward, l-inwar,
vapur b'pala tal-bajtar, tajra b'ħajta
tilfuli ġenn il-ferħ ta' dak in-nhar;

Issa li kbirt fis-snin u ċkint fil-għaqal,
u l-allat tiegħi sfaw ulied il-laħam;
issa li l-bjuda tgħaxxaq ta' ġmiel ħajti
kifset, kriehet u swiedet daqs il-faħam;

Issa li xagħri ħeff bis-sħiħ u l-qasab
ta' riġlejja nixfin bħal bdiet titqal;
issa li naf li xejn ma baqa' fija
minn xrar il-ħajja u ġenn il-ħajr tat-tfal;

Issa li bdejt intiegħem kliem il-Għaref
u nħoss kemm saħnet rasi bil-bluhat
fiergħa tad-dinja, fejn il-bniedem ħajtu
jitfa' fi nħasa tagħli ta' ħsarat:

Jagħtini ngħid waqtiet jonkella nħażżeż
dak li wisq drabi qalbi ma ġġarrbux,
dak li nixtiequ biss għax inkun tliftu,
u nfittxu meta naf li ma nsibux.

U b'sieqi l-waħda ġewwa l-ħofra, arani
nistħajjel l-oħra ttul sa xfar iż-Żmien,
nistħajjilni farfett meta fis-sewwa
itqal ġismi miċ-ċomb, marid, għajjien.

U l-lum li bdejt, meta ħaddieħor xaba',
inlaqqat loqma ħobż, din ma ttuqnix:
għax issa saħħti laħqet għoksot ġmielha,
U kemm ġid hawn fuq l-art ma jxettilnix.

Oh! x'ħasra għall-bniedem li minn Sebħ il-Bidu
isib ruħu fid-dlam ta' Lejl it-Tmiem,
jibki l-qodos mitluf ta' ħajr tfulitu,
jibża' mill-Ħaqq li jistennieh fid-Dwiem!

8. 2. 51.